Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**12026/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0199 (NLE)**

**JUSTCIV 95**
**ATO 39**
**JAI 1015**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Lulju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 369 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja u lir-Repubblika tal-Polonja jsiru Partijiet għall-Konvenzjoni dwar Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari u l-emenda tagħha fl-interess tal-Unjoni Ewropea u biex jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 369 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 369 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2026
COM(2026) 369 final

2026/0199 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja u lir-Repubblika tal-Polonja jsiru Partijiet għall-Konvenzjoni dwar Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari u l-emenda tagħha fl-interess tal-Unjoni Ewropea u biex jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-Unjoni Ewropea, ir-reġimi ta’ responsabbiltà nukleari tal-Istati Membri huma rregolati mil-liġijiet nazzjonali. Madankollu, fi 23 minn 27 Stat Membru, il-prinċipji prinċipali ta’ dawn ir-reġimi ssawru minn żewġ Konvenzjonijiet internazzjonali, adottati taħt l-awspiċi ta’ żewġ organizzazzjonijiet internazzjonali differenti, li armonizzaw il-liġijiet nazzjonali fil-qasam tar-responsabbiltà ċivili għall-ħsara nukleari: il-Konvenzjonijiet ta’ Pariġi u ta’ Vjenna.

Dawn il-konvenzjonijiet internazzjonali li feġġew fil-bidu tas-snin 60 tas-seklu 20 eżistew għal kważi 25 sena mingħajr bidliet sostanzjali.

Il-Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà ta’ Partijiet Terzi fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari (minn hawn ’il quddiem “il-Konvenzjoni ta’ Pariġi”) ġiet adottata f’Pariġi fl-1960 taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u hija miftuħa għall-Membri ta’ dik l-organizzazzjoni u għal Stati oħra jekk il-Partijiet għall-Konvenzjoni jaqblu li jsir hekk. Din ġiet emendata matul is-snin b’diversi protokolli u ġiet issupplimentata mill-Konvenzjoni tal-31 ta’ Jannar 1963 Supplimentari għall-Konvenzjoni ta’ Pariġi tad-29 ta’ Lulju 1960 (minn hawn ’il quddiem il-“Konvenzjoni Supplimentari ta’ Brussell”). L-għan tal-Konvenzjoni Supplimentari ta’ Brussell kien li tipprovdi fondi addizzjonali biex jikkumpensaw għall-ħsara bħala riżultat ta’ inċident nukleari fejn il-fondi tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi ma kinux biżżejjed. Din hija miftuħa biss għall-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi.

Il-Konvenzjoni ta’ Pariġi u l-Konvenzjoni Supplimentari ta’ Brussell ġew emendati l-aħħar bi Protokolli fl-2004 li daħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2022.

Il-Konvenzjoni ta’ Vjenna tal-1963 dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għad-Danni Nukleari (minn hawn ’il quddiem “il-Konvenzjoni ta’ Vjenna”), adottata taħt l-awspiċi tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), għandha l-għan li tarmonizza l-liġi nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti billi tistabbilixxi xi standards minimi biex jipprovdu protezzjoni finanzjarja kontra ħsara li tirriżulta minn ċerti użi paċifiċi tal-enerġija nukleari. Il-Konvenzjoni hija mfassla biex tiżgura li l-Partijiet Kontraenti kollha jkollhom fis-seħħ liġijiet u regolamenti li jikkonformaw mar-reġim legali għar-responsabbiltà ċivili għall-ħsara nukleari previst fil-Konvenzjoni. Il-Protokoll tal-1997 biex tiġi emendata l-Konvenzjoni ta’ Vjenna ġie nnegozjat bil-ħsieb li jittejjeb il-kumpens għall-vittmi ta’ ħsara kkawżata minn inċidenti nukleari u daħal fis-seħħ fl-4 ta’ Ottubru 2003.

Il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Pariġi mhumiex Partijiet għall-Konvenzjoni ta’ Vjenna u bil-maqlub. Minkejja x-xebh bejn il-Konvenzjonijiet ta’ Pariġi u ta’ Vjenna, dawn ma pprovdewx reġim uniformi uniku ta’ responsabbiltà tal-partijiet terzi għall-pajjiżi kollha li huma partijiet għal xi waħda minn dawn il-konvenzjonijiet. Iż-żewġ konvenzjonijiet kienu joperaw b’mod iżolat minn xulxin, b’tali mod li kull konvenzjoni kienet tibbenefika biss lill-vittmi fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti tagħha stess.

Għal din ir-raġuni, il-Protokoll Konġunt tal-1988 relatat mal-applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet ta’ Pariġi u ta’ Vjenna ġie adottat sabiex jiġu stabbiliti relazzjonijiet soġġetti għat-trattati bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Vjenna u l-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Pariġi, u biex jiġu eliminati kunflitti li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni simultanja taż-żewġ Konvenzjonijiet għall-istess inċident nukleari. Għaldaqstant, il-Protokoll Konġunt huwa miftuħ biss għall-Istati li huma Partijiet għall-Konvenzjoni ta’ Vjenna jew għall-Konvenzjoni ta’ Pariġi.

Mid-dħul fis-seħħ tiegħu fis-27 ta' April 1992, l-Istati li huma Parti għall-Konvenzjoni ta' Pariġi jew għall-Konvenzjoni ta' Vjenna kif ukoll għall-Protokoll Konġunt jirċievu l-benefiċċji taż-żewġ konvenzjonijiet. Għalhekk, meta jseħħ inċident nukleari, li għalih operatur fi Stat li huwa Parti għall-Konvenzjoni ta' Pariġi/Protokoll Konġunt ikun responsabbli u l-vittmi jġarrbu ħsara fi Stat li huwa Parti għall-Konvenzjoni ta' Vjenna/Protokoll Konġunt, dawk il-vittmi jkunu jistgħu jitolbu kumpens għall-ħsara tagħhom kontra l-operatur responsabbli essenzjalment bl-istess mod u sal-istess punt, daqslikieku kienu vittmi fi Stat li huwa Parti għall-Konvenzjoni ta' Pariġi; il-maqlub japplika bl-istess mod.

Il-Protokoll Konġunt jiżgura li waħda biss miż-żewġ konvenzjonijiet tapplika għal kwalunkwe inċident nukleari partikolari u kemm l-operatur responsabbli kif ukoll l-ammont tar-responsabbiltà tiegħu jiġu ddeterminati mill-konvenzjoni, li għaliha huwa Parti l-Istat li fit-territorju tiegħu tinsab l-installazzjoni tal-operatur responsabbli. Il-Protokoll Konġunt japplika mhux biss għall-Konvenzjonijiet oriġinali ta' Pariġi u ta' Vjenna, iżda wkoll għal kwalunkwe emenda ta' kwalunkwe waħda miż-żewġ konvenzjonijiet li jkunu fis-seħħ għal Parti Kontraenti għall-Protokoll Konġunt.

Xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea aderixxew mal-Konvenzjoni ta' Pariġi (il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja), filwaqt li l-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja huma Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Vjenna.

Barra minn hekk, ħames Stati Membri (l-Awstrija, Ċipru, l-Irlanda, il-Lussemburgu u Malta) mhuma Parti għall-ebda Konvenzjoni dwar ir-responsabbiltà għall-ħsara nukleari.

L-aċċident fl-1986 fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl fl-eks Unjoni Sovjetika għamilha ċara li inċident nukleari jista' jikkawża ħsara ta' kobor eċċezzjonali u li l-effetti detrimentali ta' tali inċident ma jiqfux mal-fruntieri tal-Istat. Il-liġijiet internazzjonali dwar ir-responsabbiltà nukleari ġew imtejba billi nbeda l-emendar tal-konvenzjonijiet eżistenti u bl-adozzjoni ta' oħrajn ġodda, sabiex jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jiżguraw kumpens fil-pront u effettiv għall-ħsara kkawżata minn inċident nukleari.

F'dan il-qafas legali pjuttost frammentat u kumpless relatat mar-responsabbiltà għall-ħsara nukleari, fl-1997 ġiet adottata Konvenzjoni oħra: il-Konvenzjoni dwar il-Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari (CSC) li għandha l-għan li tistabbilixxi sistema dinjija ta' responsabbiltà ċivili u li tipprevedi ammont minimu ta' kumpens nazzjonali u li tkompli żżid l-ammont ta' kumpens permezz ta' fondi pubbliċi li jridu jsiru disponibbli mill-Partijiet Kontraenti jekk l-ammont nazzjonali ma jkunx biżżejjed biex jikkumpensa għall-ħsara kkawżata minn inċident nukleari. Għalhekk, din l-iskema żżid iċ-ċertezza legali u l-protezzjoni għall-membri tal-pubbliku, għall-operaturi, għall-fornituri, għal min isellef, għall-investituri u għall-assiguraturi.

Fl-2011, wara l-aċċident fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Fukushima Daiichi fil-Ġappun, il-komunità internazzjonali rrikonoxxiet li inċident nukleari fi kwalunkwe post huwa inċident nukleari kullimkien u kkonfermat l-importanza u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' reġim globali ta' responsabbiltà nukleari.

Is-CSC hija miftuħa mhux biss għall-Istati li huma Parti għall-Konvenzjoni ta' Vjenna jew għall-Konvenzjoni ta' Pariġi (inkluż kwalunkwe emenda ta' waħda minnhom), iżda wkoll għal Stati oħra diment li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tkun konsistenti ma' regoli uniformi dwar ir-responsabbiltà ċivili stabbiliti fl-Anness tal-Konvenzjoni.

Il-Konvenzjoni tapplika għal ħsara nukleari li tirriżulta minn inċidenti nukleari li jseħħu kemm f'installazzjonijiet nukleari kif ukoll matul it-trasport ta' materjal nukleari lejn tali

installazzjonijiet u minnhom. Id-definizzjoni ta' ħsara nukleari li trid tiġi kkumpensata tinkludi, minbarra t-telf ta' ħajjiet u l-korriment personali u t-telf tal-proprjetà jew il-ħsara lilha, il-kostijiet assoċjati mar-restawr tal-ambjent, it-telf ta' introjtu li jirriżulta minn interess ekonomiku fl-użu jew fit-tgawdija tal-ambjent u l-kostijiet ta' miżuri preventivi mfassla biex jipprevjenu jew jimminimizzaw il-ħsara. Is-CSC daħlet fis-seħħ fil-15 ta' April 2015 u attwalment għandha 11-il Parti Kontraenti.

Fost l-Istati Membri tal-UE, iċ-Ċekja, il-Litwanja u r-Rumanija ffirmaw is-CSC, u r-Rumanija rratifikatha wkoll, qabel l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni. L-Italja ffirmatha fl-1998.

Fit-13 ta' Jannar 2026, matul il-Konferenza tal-Partijiet tas-CSC fi Vjenna, l-Emenda tal-Konvenzjoni dwar il-Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari (is-CSC) ġiet adottata b'konsensus. L-Emenda msemmija tneħħi r-rekwiżit għall-Istati mingħajr reatturi nukleari li jikkontribwixxu b'fondi pubbliċi għall-Konvenzjoni u ma għandha l-ebda effett fuq ir-regoli tas-CSC rigward il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi. L-Emenda se tidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni jkunu ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika rispettivi tagħhom. Mid-dħul fis-seħħ tal-Emenda, mhux se jkun iktar possibbli li wieħed jaderixxi mas-CSC mhux emendata.

B'mod simili għall-Konvenzjonijiet l-oħra dwar ir-responsabbiltà għall-ħsara nukleari, is-CSC tinkludi wkoll fil-Kapitolu V tagħha (Ġuriżdizzjoni u liġi applikabbli), dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE, peress li huma relatati mal-ġuriżdizzjoni, mar-rikonoxximent, mal-eżekuzzjoni u mal-liġi applikabbli.

Fil-fatt, f'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE, l-Artikolu XIII tas-CSC jirriskja li jaffettwa l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni)[1].

Ir-riskju ta' effett huwa kkonfermat mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Opinjoni 1/03 ("Opinjoni ta' Lugano") dwar il-kompetenza tal-Komunità li tikkonkludi l-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali. Il-Qorti ddeċidiet dwar il-kwistjoni tal-kompetenza tal-Komunità Ewropea biex tikkonkludi l-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano u sabet li l-Komunità Ewropea kellha kompetenza esklużiva impliċita biex tikkonkludi l-Konvenzjoni l-ġdida, minħabba l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni interna tal-UE dwar l-istess materja (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001)[2].

Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II), min-naħa l-oħra, jeskludi b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-obbligi mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn ħsara nukleari (l-Artikolu 1(2)(f)).

Peress li d-dispożizzjonijiet tas-CSC jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u minħabba li l-Polonja u l-Litwanja esprimew ix-xewqa li jsiru Partijiet għas-CSC, jeħtieġ li jiġu awtorizzati jissieħbu fiha permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. Peress li d-data meta l-Partijiet Kontraenti attwali kollha tas-CSC se jirratifikaw l-Emenda hija imprevedibbli, fl-interess tal-

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1, http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1215/oj.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1–23

effiċjenza, id-Deċiżjoni tal-Kunsill se tawtorizza lill-Polonja u lil-Litwanja jissieħbu kemm fis-CSC attwalment fis-seħħ kif ukoll fil-verżjoni emendata tagħha.

Kif kien il-każ għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/434/UE relatata mal-Konvenzjoni ta' Vjenna, il-Polonja u l-Litwanja se jkollhom jagħmlu dikjarazzjoni li tiżgura li r-regoli rigward ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 1215/2012 se jkomplu jiġu applikati fost l-Istati Membri li huma Partijiet għas-CSC (attwalment, ir-Rumanija biss).

Dan jiżgura l-unità fiż-żona ġudizzjarja tal-Unjoni u ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi fl-UE, mingħajr ma jkun hemm implikazzjonijiet fuq l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni.

Il-Polonja diġà hija Parti għall-Konvenzjoni ta' Vjenna, kif emendata bil-Protokoll tagħha tal-1997, u għall-Protokoll Konġunt tal-1988 relatat mal-applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet ta' Pariġi u ta' Vjenna.

Li ssir Parti għas-CSC se tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Programm tal-Enerġija Nukleari Pollakk (PNPP) tal-2020, li jipprevedi, minn April 2027, il-kostruzzjoni ta' diversi impjanti tal-enerġija nukleari fil-Polonja, f'konformità wkoll mal-objettiv tad-dekarbonizzazzjoni progressiva tas-sistema tal-elettriku tal-Polonja. L-istabbiliment ta' fond internazzjonali biex jissupplimenta l-kumpens nazzjonali se jżid iċ-ċertezza legali għall-investituri u għall-fornituri u l-protezzjoni mtejba għall-vittmi potenzjali ta' inċidenti nukleari. Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-kuntratt għall-kostruzzjoni tal-ewwel impjant tal-enerġija nukleari fil-Polonja ngħata lil konsorzju Amerikan u li l-Istati Uniti diġà huma Parti għas-CSC, ir-ratifika tas-CSC mill-Polonja se tistabbilixxi qafas legali komuni bejn il-Polonja u l-Istati Uniti fil-qasam tar-responsabbiltà ċivili għall-ħsara nukleari, u se tkun rilevanti wkoll għal investimenti possibbli oħra relatati mal-enerġija nukleari ppjanati fil-Polonja, li attwalment jinsabu f'diversi stadji ta' implimentazzjoni.

Il-Litwanja ffirmat is-CSC fit-30 ta' Settembru 1997, qabel l-adeżjoni tagħha mal-UE. Il-Litwanja esprimiet interess li tissieħeb fis-CSC u talbet li tkun awtorizzata tagħmel dan, wara d-diskussjoni li saret fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) fit-13 ta' Novembru 2025.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-inizjattiva hija konsistenti ma' Deċiżjonijiet tal-Kunsill preċedenti diġà adottati fil-qasam tar-responsabbiltà ċivili għall-ħsara nukleari mmirati biex jawtorizzaw lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Pariġi u l-Konvenzjoni ta' Vjenna jew jaderixxu magħhom, minħabba l-kompetenza esterna esklużiva tal-UE dwar xi dispożizzjonijiet tal-ftehimiet internazzjonali.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/294/KE tat-8 ta' Marzu 2004[3] awtorizzat lill-Istati Membri li huma Parti għall-Konvenzjoni ta' Pariġi biex jirratifikaw il-Protokoll li jemenda dik il-Konvenzjoni jew biex jaderixxu magħha. Id-Deċiżjoni ġiet adottata mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Awstrija, tal-Lussemburgu u tal-Irlanda li ma kinux Parti għall-Konvenzjoni ta' Pariġi.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/727/KE tat-8 ta' Novembru 2007 awtorizzat lis-Slovenja biex tirratifika l-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni ta' Pariġi, minħabba li s-Slovenja kienet

[3] 2004/294/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2004 li tawtorizza l-Istati Membri li huma partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Pariġi tat-29 ta' Lulju 1960 dwar ir-Responsabbiltà ta' Terzi Persuni fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari biex jirratifikaw, fl-interess tal-Komunità Ewropea, il-Protokoll li jemenda dik il-Konvenzjoni, jew biex jaderixxu miegħu, ĠU L 97, 1.4.2004, p. 53

għadha mhix Stat Membru tal-Komunità Ewropea fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2004[4].

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/434/UE tal-15 ta' Lulju 2013 awtorizzat lil ċerti Stati Membri, Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Vjenna, biex jirratifikaw, jew jaderixxu mal-Protokoll tal-1997 li jemenda l-Konvenzjoni ta' Vjenna[5].

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill kienet indirizzata biss lil dawk l-Istati Membri li kienu diġà Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Vjenna fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni ġiet adottata mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Awstrija, ta' Ċipru, tal-Lussemburgu, tal-Irlanda u ta' Malta.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija konsistenti mal-politika ġenerali tal-UE li tieħu azzjoni biex tiżgura li l-kompetenza esterna esklużiva tal-UE tiġi rrispettata fil-qafas internazzjonali. Din l-inizjattiva qed issegwi diversi Deċiżjonijiet oħra tal-Kunsill rigward oqsma ta' politika differenti mir-responsabbiltà għall-ħsara nukleari, fejn kien meħtieġ li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jirratifikaw il-Konvenzjonijiet jew jaderixxu magħhom, inkluż id-dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE.

Dawn il-Konvenzjonijiet jistgħu jirrigwardaw pereżempju r-responsabbiltà għat-tniġġis tal-baħar bħall-Konvenzjoni Internazzjonali tal-2001 dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għall-Ħsara mit-Tniġġis taż-Żejt tal-Bunker (il-Konvenzjoni dwar il-Bunkers) jew il-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1996 fuq ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Dannu Kkawżat mill-Ġarr bil-Baħar ta' Sustanzi Noċivi u Potenzjalment Perikolużi (il-Konvenzjoni HNS). L-Istati Membri kienu awtorizzati jirratifikaw dawn il-Konvenzjonijiet jew jaderixxu magħhom permezz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill rigward il-Konvenzjoni dwar il-Bunkers[6] jew il-Konvenzjoni HNS[7] minħabba li d-dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Konvenzjonijiet imsemmija affettwaw ir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ir-Regolament Brussell I).

Fl-2017 ġiet adottata Deċiżjoni oħra tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw il-Protokoll tal-2010 tal-Konvenzjoni HNS jew jaderixxu miegħu, fir-rigward tal-aspetti relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili[8]. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll

---

4 007/727/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2007 li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja sabiex tirratifika, fl-interess tal-Komunità Ewropea, il-Protokoll tat-12 ta' Frar 2004 li jemenda l-Konvenzjoni ta' Pariġi tat-29 ta' Lulju 1960 dwar ir-Responsabbiltà ta' Terzi Persuni fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari, ĠU L 294, 13.11.2007, p. 23–24.

5 2013/434/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2013 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jirratifikaw, jew jaċċedu għall-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għad-Danni Nukleari tal-21 ta' Mejju 1963, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, u biex jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tal-liġi tal-Unjoni.

6 2002/762/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Settembru 2002 li tawtorizza lill-Istati Membri, fl-interess tal-Komunità, li jiffirmaw, jirratifikaw jew formalment isiru parteċipi fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għal Danni tat-Tniġġis minn Żejt tal-Bunker, 2001 (il-Konvenzjoni dwar il-Bunkers), ĠU L 256, 25.9.2002, p. 7–8.

7 2002/971/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2002 li tawtorizza lill-Istati Membri, fl-interess tal-Komunità, li jirratifikaw jew li jaderixxu mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għall-Ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara, 1996 (il-Konvenzjoni HNS), ĠU L 337, 13.12.2002, p. 55–56.

8 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/770 tal-25 ta' April 2017 dwar ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, mal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali fuq ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Dannu Kkawżat mill-Ġarr bil-Baħar ta' Sustanzi Noċivi u

tal-2010 affettwaw ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 (ir-Regolament Brussell Ia).

Dawn huma biss ftit eżempji relatati speċifikament mal-Konvenzjonijiet li jittrattaw ir-responsabbiltà u l-kumpens għall-ħsara, iżda huwa possibbli li jissemmew l-awtorizzazzjonijiet mogħtija lill-Istati Membri li jikkonċernaw setturi oħra bħat-trasport tal-merkanzija, bħall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar il-Kuntratt tat-Trasport tal-Merkanzija permezz ta' Passaġġi fuq l-Ilma Interni (CMNI). F'dan il-każ, l-Awstrija, il-Belġju u l-Polonja kienu awtorizzati jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Budapest jew jaderixxu magħha, minħabba li dispożizzjoni dwar l-għażla tal-liġi mill-Partijiet għal kuntratt tat-trasport li jaqa' taħt il-Konvenzjoni affettwa r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I)[9].

Bħala konklużjoni, f'każijiet fejn id-dispożizzjonijiet fil-konvenzjonijiet internazzjonali jaffettwaw ir-regoli adottati mil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, ittieħdet azzjoni adegwata b'mod konsistenti biex jiġi żgurat li l-oqfsa interni u esterni jiġu kkoordinati kif xieraq u li l-acquis tal-UE jibqa' mhux affettwat, f'konformità mat-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali sostantiva ta' din il-proposta hija l-Artikolu 81(2) TFUE li jippermetti, fost l-oħrajn, l-adozzjoni ta' miżuri mmirati biex jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni bejn l-Istati Membri tas-sentenzi u l-kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri li jikkonċernaw il-kunflitt tal-liġijiet u l-ġuriżdizzjoni.

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(6) TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u l-kontenut tal-ftehim internazzjonali relatat. Madankollu, l-għan u l-kontenut ta' din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill huma limitati għad-dispożizzjonijiet tal-ftehim internazzjonali li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE, jiġifieri l-Artikolu XIII tas-CSC li jikkonċerna l-ġuriżdizzjoni u l-eżekuzzjoni u li jaffettwa l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012.

Għalhekk, il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) TFUE flimkien mal-Artikolu 81(2) TFUE. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi stipulati fl-Artikolu XIII tas-CSC ma għandhomx jieħdu preċedenza fuq ir-regoli rilevanti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 kif estiż għad-Danimarka bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[10]. Għalhekk, kif kien il-każ bid-Deċiżjoni msemmija tal-Kunsill tal-15

---

Potenzjalment Perikolużi, fir-rigward tal-aspetti relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, ĠU L 115, 4.5.2017, p. 18–21.

9 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1878 tat-8 ta' Ottubru 2015 li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju u lir-Repubblika tal-Polonja, rispettivament, biex jirratifikaw, u lir-Repubblika tal-Awstrija biex taderixxi mal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar il-Kuntratt tat-Trasport ta' Merkanzija permezz ta' Passaġġi tal-Ilma Interni (CMNI), ĠU L 276, 21.10.2015, p. 1–2.

10 ĠU L 299, 16.11.2005, p. 62. Ir-Regolament Nru 1215/2012 japplika fid-Danimarka skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-

ta' Diċembru 2013 rigward il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni ta' Vjenna, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu dikjarazzjoni rigward l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE.

L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux Applikabbli

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija mfassla fuq il-mudell tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill diġà adottati dwar l-istess suġġett u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li jiġi żgurat ir-rispett tal-kompetenza esterna esklużiva tal-UE dwar xi dispożizzjonijiet tas-CSC u li l-Polonja u l-Litwanja jiġu awtorizzati jissieħbu fis-CSC u fl-Emenda tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li s-suġġett jikkonċerna konvenzjoni internazzjonali, ma hemm l-ebda għażla oħra ħlief l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) TFUE li tawtorizza lill-Polonja u lil-Litwanja jsiru Partijiet għas-CSC. Ma hemm l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża biex jintlaħaq l-objettiv ta' din il-proposta.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Kien hemm konsultazzjonijiet intensivi mal-Ministeru Pollakk għall-Enerġija sabiex jiġi żgurat li l-awtorizzazzjoni biex il-pajjiż jissieħeb fis-CSC tirrispetta l-iskeda ta' żmien stabbilita fil-Programm tal-Enerġija Nukleari Pollakk tal-2020.

Ġie kkonsultat ukoll il-Ministeru għall-Enerġija fil-Litwanja.

Barra minn hekk, il-Workshop tal-IAEA dwar ir-Responsabbiltà Nukleari Ċivili, li sar mill-21 sal-24 ta' Ottubru 2025 f'Vilnius, il-Litwanja, kien l-okkażjoni biex jiġu eżaminati l-benefiċċji tas-CSC fl-istabbiliment ta' reġim globali ta' responsabbiltà nukleari. Il-Kummissjoni ħadet sehem attiv fil-workshop, bil-ħsieb ukoll li tispjega din l-inizjattiva lill-Istati li diġà huma Parti għas-CSC u lill-Partijiet Kontraenti prospettivi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni bbażat fuq il-ħidma estensiva mwettqa mill-IAEA, b'mod partikolari l-Pjan ta' Azzjoni tagħha biex tistabbilixxi reġim globali ta' responsabbiltà nukleari li jindirizza t-

eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali. L-emendi leġiżlattivi neċessarji fid-Danimarka daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2013.

tħassib tal-Istati kollha li jistgħu jiġu affettwati minn inċident nukleari. F'dan il-kuntest, ta' interess partikolari hija l-attività tal-Grupp ta' Esperti Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà Nukleari (INLEX) li enfasizza li s-CSC tipprovdi mekkaniżmu biex jinkisbu relazzjonijiet soġġetti għat-trattati ma' kemm jista' jkun Stati skont kemm ikun prattiku, bl-għan ta' parteċipazzjoni universali fir-reġim globali ta' responsabbiltà nukleari.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fir-rigward tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill relatati ma' Konvenzjonijiet oħra dwar ir-responsabbiltà nukleari, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt tal-adeżjoni tal-Polonja u tal-Litwanja mas-CSC.

Madankollu, mill-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mill-għarfien espert miġbur irriżulta b'mod ċar li s-CSC tirrappreżenta l-qafas legali li joffri salvagwardji aħjar fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali eżistenti li jikkonċernaw ir-responsabbiltà għall-ħsara nukleari.

Tabilħaqq, id-diżastru ta' Fukushima fl-2011 żvela lakuni sinifikanti fit-tħejjija finanzjarja, peress li l-kostijiet tal-kumpens qabżu bil-kbir ir-riżorsi disponibbli skont ir-reġim domestiku tar-responsabbiltà tal-Ġappun. Dan l-inċident enfasizza l-ħtieġa ta' konvenzjonijiet internazzjonali li jistabbilixxu rekwiżiti finanzjarji u mekkaniżmi iktar robusti biex jiġu indirizzati l-aċċidenti katastrofiċi.

Is-CSC tfittex li twieġeb għal din l-isfida billi tippromwovi iktar kumpens, inkluż fond internazzjonali biex jissupplimenta l-ammont ta' kumpens disponibbli għall-ħsara nukleari. Din ġiet żviluppata bħala umbrella għall-konvenzjonijiet internazzjonali l-oħra dwar ir-responsabbiltà u biex tipprovdi l-bażi għal reġim globali ta' responsabbiltà nukleari li jista' jattira adeżjoni wiesgħa minn pajjiżi b'impjanti tal-enerġija nukleari u oħrajn mingħajrhom. Dokumentazzjoni abbundanti dwar il-benefiċċji tar-reġim tas-CSC tinsab fuq il-paġna ddedikata tal-IAEA[11].

L-adeżjoni tal-Polonja u r-ratifika mil-Litwanja se jżidu l-għadd ta' Stati tas-CSC u b'hekk se jikkontribwixxu għall-għan li jintlaħaq reġim globali ta' responsabbiltà nukleari.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux Applikabbli

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux Applikabbli

[11] https://www.iaea.org/topics/nuclear-liability-conventions/convention-supplementary-compensation-nuclear-damage

2026/0199 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja u lir-Repubblika tal-Polonja jsiru Partijiet għall-Konvenzjoni dwar Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari u l-emenda tagħha fl-interess tal-Unjoni Ewropea u biex jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari (CSC) ġiet adottata fit-12 ta' Settembru 1997 u daħlet fis-seħħ fil-15 ta' April 2015.

(2) Is-CSC għandha l-għan li tistabbilixxi ammont minimu ta' kumpens nazzjonali u li żżid iktar l-ammont ta' kumpens permezz ta' fondi pubbliċi li jridu jsiru disponibbli mill-Partijiet Kontraenti jekk l-ammont nazzjonali ma jkunx biżżejjed biex jikkumpensa għall-ħsara kkawżata minn inċident nukleari. B'hekk iżżid iċ-ċertezza legali għall-investituri u għall-fornituri kif ukoll għall-vittmi potenzjali ta' inċidenti nukleari.

(3) Fit-13 ta' Jannar 2026, il-Partijiet Kontraenti għas-CSC adottaw b'konsensus Emenda li tneħħi r-rekwiżit għall-Istati mingħajr reatturi nukleari li jikkontribwixxu b'fondi pubbliċi għas-CSC. Dik l-Emenda se tidħol fis-seħħ meta l-Partijiet Kontraenti kollha għas-CSC ikunu ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika tagħhom.

(4) Is-CSC hija miftuħa mhux biss għal Stati li huma Parti għall-konvenzjonijiet l-oħra għall-ħsara nukleari, bħall-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għad-Danni Nukleari tal-21 ta' Mejju 1963, jew il-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar ir-Responsabbiltà tal-Partijiet Terzi fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari tad-29 ta' Lulju 1960 (inkluż kwalunkwe emenda ta' waħda jew oħra), iżda wkoll għal Stati oħra, dment li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tkun konsistenti mar-regoli uniformi dwar ir-responsabbiltà ċivili stabbiliti fl-Anness tas-CSC.

(5) L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-Artikolu XIII tas-CSC sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jaffettwaw il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew

[1] L-approvazzjoni ppubblikata fil-ĠU L [...], [...], ELI: [...]

u tal-Kunsill[2]. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom għall-materji koperti mis-CSC li ma jaffettwawx id-dritt tal-Unjoni.

(6) Għalhekk, l-Istati Membri li jixtiequ jsiru Partijiet għas-CSC jenħtieġ li jkunu awtorizzati jiffirmawh, jirratifikawh jew jaderixxu miegħu fl-interess tal-Unjoni.

(7) Iċ-Ċekja, il-Litwanja u r-Rumanija ffirmaw is-CSC, u r-Rumanija rratifikatha wkoll, qabel l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni. L-Italja ffirmatha fl-1998.

(8) Il-Polonja u l-Litwanja esprimew ix-xewqa li jiġu awtorizzati jsiru Partijiet għas-CSC u għall-Emenda tagħha.

(9) Ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi stipulati fl-Artikolu XIII tas-CSC jenħtieġ li ma jiħdux preċedenza fuq ir-regoli li jirregolaw il-proċedura għar-rikonoxximent u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

(10) Għalhekk, l-Istati Membri li huma awtorizzati jsiru Partijiet għas-CSC jenħtieġ li jagħmlu d-dikjarazzjoni prevista f'din id-Deċiżjoni bl-għan li jiżguraw l-applikazzjoni tar-regoli rilevanti tal-Unjoni.

(11) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 u għaldaqstant qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(12) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja huma b'dan awtorizzati li jsiru Partijiet għall-Konvenzjoni dwar Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari u għall-Emenda tagħha fl-interess tal-Unjoni, soġġett għall-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Meta jsiru Parti għall-Konvenzjoni dwar Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni li ġejja: "Sentenzi dwar materji koperti mill-Konvenzjoni dwar Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari tat-12 ta' Settembru 1997, meta mogħtija minn Qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu rikonoxxuti u eżegwiti fi [*isem l-Istat Membru li jagħmel id-dikjarazzjoni*] f'konformità mar-regoli rilevanti tal-Unjoni Ewropea dwar is-suġġett".

---

2 Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1, http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1215/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja u lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*[...]*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. **QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

1.1. **Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva**

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja u lir-Repubblika tal-Polonja jsiru Partijiet għall-Konvenzjoni dwar Kumpens Supplimentari għall-Ħsara Nukleari (CSC) u l-emenda tagħha fl-interess tal-Unjoni Ewropea u biex jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni.

1.2. **Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

Ġustizzja (kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili).

1.3. **Objettiv(i)**

1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

Din il-proposta għandha l-objettiv li tawtorizza lill-Polonja u lil-Litwanja jissieħbu fis-CSC filwaqt li tiġi rrispettata l-kompetenza esterna esklużiva tal-UE dwar xi dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Il-Polonja u l-Litwanja se jkunu jistgħu jsiru Partijiet għas-CSC mingħajr ma jiksru d-dritt tal-UE.

1.3.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-Polonja u l-Litwanja se jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jsiru Partijiet għas-CSC.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

M/A

1.4. **Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

☑ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja** [1]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

M/A

---

[1] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*)

L-awtorizzazzjoni lill-Istati Membri tal-UE tikkonforma ma' inizjattivi preċedenti tal-istess tip b'segwitu għall-Opinjoni 1/03 ta' Lugano tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din taqa' fil-kompetenza esterna esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(2) TFUE. L-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni u b'hekk hija kompetenza esklużiva min-natura tagħha, li mhijiex soġġetta għall-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (*ex post*)

Ir-rispett tat-Trattati tal-UE, tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u ta' preċedenti fl-istess suġġett huwa żgurat.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Hemm diversi preċedenti ta' dan it-tip ta' awtorizzazzjoni fil-materja tar-responsabbiltà għall-ħsara nukleari. Din il-proposta ssegwi l-istess mudell.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

M/A

1.6. **Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

☐ **durata limitata**

☐ fis-seħħ minn [JJ.XX]SSSS sa [JJ.XX]SSSS

☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**(2)

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

(2) Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku;
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

M/A

# 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

## 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

M/A

## 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

### 2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

[...]

### 2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

[...]

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

[...]

